repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Il-Prim Ministru Robert Abela**
Auberge de Castille
Pjazza Kastilja
Valletta

21 ta' Settembru 2022

**Re: Il-pożizzjoni tal-Avukat Pawlu Lia fil-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja**

Onorevoli Prim Ministru,

Kif taf sew Repubblika hi impenjata li tippromwovi s-saltna tad-dritt u allura l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-gvern introduċa riformi importanti biex neħħa l-indħil tal-eżekuttiv fl-għażla ta' ġudikanti ġodda u fil-promozzjoni tagħhom. Dan wara l-inizjattiva ta' Repubblika fil-Qrati Maltin u fil-Qorti Ewropea.

Qed niktiblek għax ir-rappreżentanza tal-Gvern fil-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fil-forma preżenti hi dell fuq l-indipendenza tal-ġudikatura u fuq il-ġustizzja f'pajjiżna għal tlett raġunijiet.

1. L-Avukat Pawlu Lia li nħatar mill-predeċessur tiegħek hu avukat li jipprattika fil-qrati taħt l-awtorità ta' mħallfin u maġistrati li jistgħu jispiċċaw jidhru quddiemu bħala membru tal-Kummissjoni. Dan hu kunflitt li jippreġudika l-indipendenza tal-ġudikanti mhux neċessarjament għax se jibiżgħu minnu imma wkoll għax kull parti li tidher f'qorti b'Pawlu Lia fuq in-naħa l-oħra tagħha jkollha raġun tibża' li ma tistax issir ġustizzja magħha.

2. L-Avukat Pawlu Lia għandu parentela mill-qrib ma' membru tal-ġudikatura. Dan il-fatt hu diġà suġġett ta' kwistjoni fil-qorti dwar kunflitt tal-interess tal-ġudikant ikkonċernata u l-materja se tiġi dibattuta fil-qrati superjuri. Għalkemm Malta żgħira għandu jkun possibbli li l-Gvern jevita li jaħtar qraba ta' ġudikanti għal din il-pożizzjoni.

3. L-Avukat Pawlu Lia kien u għadu l-avukat tal-prim ministru li ħatru. Joseph Muscat hu indizjat f'numru konsiderevoli ta' inkjesti maġisterjali li għaddejjin u li jistgħu (u fil-fehma tagħna għandhom) jipproċedu fi prosekuzzjonijiet fil-qrati kriminali. Jekk pajjiżna jrid tassew juri li l-liġi hi l-istess għal kulħadd u li min jiksirha jkollu jiskonta l-konsegwenzi previsti mill-liġi, hi x'inhi l-pożizzjoni ta' poter li kellu jew li għandu, ma jistax ikun li l-avukat ta' Joseph Muscat iżomm il-pożizzjoni li tah biex jindaħal u jinfluwenza l-proċess ġudizzjarju biex lill-klient tiegħu jiskansalu dak li ħaqqu, bis-sewwa jew bid-dnewwa.

Għal dawn it-tlett raġunijiet hi l-fehma tagħna li għandek minnufih issib sostitut għal Pawlu Lia bħala l-persuna nominata mill-gvern fuq il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

Nirrakkomandawlek li indipendentement mid-diskrezzjoni li ttik il-liġi, teżerċita galbu fil-ħatra ta' sostitut u tara li taħtar persuna li f'xogħlha u fil-konnessjonijiet familjari tagħha tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha fil-Kummissjoni mingħajr ma jkun hemm intimidazzjoni espliċita jew impliċita tal-fergħa eżekuttiva fuq il-ġudikanti.

Dejjem tiegħek,

**Dr Robert Aquilina**
President